DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/46

tal-14 ta' Jannar 2025

dwar il-ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol għal mandat ġdid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 95/319/KE tat-12 ta' Lulju 1995 biex tistabbilixxi Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 95/319/KE, il-Kumitat hu magħmul minn membru sħiħ għal kull Stat Membru u jista' jinħatar membru sostitut għal kull membru sħiħ.

(2) Skont l-Artikolu 5(2) ta' dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni trid taħtar il-membri sħaħ u sostituti tal-Kumitat fuq proposta mill-Istat Membru.

(3) L-Artikolu 5(3) ta' dik id-Deċiżjoni tipprevedi li l-mandat tal-Kumitat idum 3 snin u li l-ħatra tagħhom tiġġedded.

(4) Il-mandat attwali tal-Kumitat jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar il-membri tal-Kumitat abbażi tal-proposti mill-Istati Membri għal perjodu ta' 3 snin.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-membri sħaħ u sostituti tal-Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol jinħatru għal perjodu ta' 3 snin mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Il-lista tal-membri, kif stabbilita fl-Anness, għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għal finijiet ta' informazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

[1] ĠU L 188, 9.8.1995, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1995/319/oj.

ANNESS

Stat Membru	Membru shih	Membru sostitut
Il-Belġju	Is-Sur Paul TOUSSEYN	Is-Sur Pieter BOLLE
Il-Bulgarija	Is-Sinjura Ekaterina ASENOVA	Is-Sinjur Pavlin TODOROV
Iċ-Ċekja	Is-Sur Martin MELECKÝ	Is-Sur Pavel HEISIG
Id-Danimarka	Is-Sinjura Lotte MANNICHE GROTH	Is-Sinjura Annemarie KNUDSEN
Il-Ġermanja	Is-Sur Thomas VOIGTLÄNDER	Is-Sinjura Andrea MENNE
L-Estonja	Is-Sinjura Silja SOON	Is-Sinjura Kaire SAAREP
L-Irlanda	Is-Sur Mark CULLEN	Is-Sinjura Eibhlin O'LEARY
Il-Greċja	Is-Sinjura Panagiota KATSAKIORI	Is-Sinjura Evdoxia KATSIKOGIANNI
Spanja	Is-Sinjura Cristina FERNÁNDEZ GONZÁLEZ	Is-Sur Gonzalo GIMÉNEZ COLOMA
Franza	Is-Sinjura Anouk LAVAURE	Is-Sinjura Agnès GLAS
Il-Kroazja	Is-Sinjura Božica BREŠKI DŽODAN	Is-Sur Boris BIZJAK
L-Italja	Is-Sur Aniello PISANTI	Is-Sinjura Roberta FABRIZI
Ċipru	Is-Sur Aristodemos ECONOMIDES	Is-Sur Yiannis KOUDOUNARIS
Il-Latvja	Is-Sur Renārs LŪSIS	Is-Sinjura Linda MATISĀNE
Il-Litwanja	Is-Sur Jonas GRICIUS	Is-Sinjura Dalia LEGIENE
Il-Lussemburgu	Is-Sur Marco BOLY	Is-Sinjura Patrice FURLANI
L-Ungerija	Is-Sur Péter NESZTINGER	Is-Sur Tamás LŐRIK
Malta	Dott. Josianne CUTAJAR	Is-Sur David SALIBA
In-Netherlands	Is-Sur Rits DE BOER	Is-Sinjura Sari TUPAMAHU
L-Awstrija	Is-Sinjura Gertrud BREINDL	Is-Sinjura Alexandra MARX
Il-Polonja	Is-Sur Marcin STANECKI	Is-Sur Michał WYSZKOWSKI
Il-Portugall	Is-Sinjura Fernanda CAMPOS	Is-Sur Nelson FERREIRA
Ir-Rumanija	Is-Sur Mihai-Nicolae UCĂ	Is-Sur Constantin NEGRILĂ
Is-Slovenja	Is-Sinjura Katja ČOH KRAGOLNIK	Is-Sur Goran BRKIĆ
Is-Slovakkja	Is-Sinjura Alena ZVAROVA BASISTOVA	Is-Sinjura Katarina TIMKOVA
Il-Finlandja	Is-Sur Raimo ANTILA	Is-Sur Arto TERONEN
L-Iżvezja	Is-Sur Lars LÖÖW	Is-Sur Peter BURMAN